KUNSILL LOKALI
QALA

**MINUTI LAQGĦA NUMRU 85**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

It-Tnejn, 25 ta' Marzu 2024

Il-Kunsill Lokali Qala Itaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum it-Tnejn, 25 ta' Marzu, 2024, fl-16:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Karl Buttigieg Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak - Kunsilliera
Ivan Cefai – Viċi Sindku

Uffiċjal Preżenti:
Heidi Grech- Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 85.1 Talba

85.1 Il-laqgħa bdiet fl-16.30pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 85.2 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

85.2 Il-Membri kienu kollha preżenti u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 85.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

85.3.1 Ġew ippreżentati u approvati unanimament l-Minuti numru 84 li ġew ippreparati mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 85.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

a. Is-Sindku qal li l-*culverts* li saru maġenb il-knisja u l-ieħor fil-bidu ta' Triq 28t'April 1688 kellhom l-ewwel *test* dan għax laqgħu l-ilma. Dan ifisser li issa ma jgħaddix ilma tax-xita mill-Pjazza. Il-bankini tlestew ukoll u issa kull ma jonqos hija l-aħħar kisja *tarmac.* Dan għanda jsir meta l-*Water Servicees Corporation* jgħatuna l-*go ahead* minn naħħa tagħhom.

b. Hu qal li l-Ministeru għal Għawdex poġġa AED oħra quddiem il-Kunsill.

ċ. Hu tenna lill-kamra li qed jinħela ħafna ħin jinġabar skart li qed jitpoġġa fit-toroq. Qal ukoll li la ma jkunx hemm rapporti ma jistgħux jittieħdu passi. Apparti minn hekk irringrazzja lill-*Community Police* għal kull meta ħadu passi mill-ewwel għal meta kellna xi informazzjoni dwar persuni li tefgħu skart barra.

d. Twaħħlu tabelli li ma tistax taqbeż it-30 kilometru fis-siegħa. Is-Sindku qal li hekk issa meta jmorru l-pulizija jkunu jistgħu jagħtu ċ-ċitazzjonijiet lil dawk is-sewwieqa li jaqbżu l-limitu.

e. Is-Sindku ġie mitlub li terġa tiġi organizzata ħarġa għal Malta partikularment biex imorru is-*Shoreline* ġewwa *Smart City.* Hu ippropona li din il-ħarġa jsir fil-vaganzi ta' l-Għid sabiex min irrid ikun jista' jmur bit-tfal. Is-Sur Paul Buttiġieġ ippropona li din il-ħarġa jsir l-Erbgħa 3 t'April 2024. Intqal ukoll li bħala Kunsill kull ma jrid jipprovdi huwa l-*coach.*

f. Il-kamra ġiet infurmata mis-Sindku li issa l-*coaches* li jiġbru l-istudenti kull filgħodu reġgħu għan-normal. Hu qal ukoll li ġie mitlub biex filgħodu l-*coach* titla fejn San Ġużepp



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

tiġbor l-istudenti minn hemm. Fil-fatt is-Sindku qal li ġa qiegħed f'kuntatt mal-Ministeru dwar dan.

ġ. Is-Sindku tenna li z-*zebra crossing* ta' quddiem il-Kunsill bdiet iżda ser ikollha titressaq minħabba li kien hemm ilment mill-persuna li xtrat id-dar ta' faċċata tal-Kunsill.

g. Intqal li sar *patching* bil-*cold mix* madwar il-Qala. Apparti minn hekk tranġaw ukoll il-Kaptelli li kienu tkissru fi Triq il-Mitħna mill-kuntrattur li qabad il-Ministeru.

għ. Is-Sur Buttiġieġ informa lin-nies preżenti li se jibda jitwaħħal il-monument tal-gwerra li se jsir fejn il-Kunsill. Qalhom ukoll li dan dam ftit biex jibda minħabba li min se jwaħħlu ma setax jiġi qabel.

ħ. Hu tenna li illum saret l-ewwel laqgħa tal-i*School Grannies* fejn irċivejna l-*Expression of Interest For the Service of School Grannies next to the Primary School in Qala.* Is-Sindku talab lil Heidi biex taqra x'batulna ħalli jekk possibbli jieħdu deċiżjoni dwar dan u jibda l-proċess.

i. Qed jiġi pjanat li l-Librerija tinfetaħ sa l-aħħar t'April.

Ie. Is-Sindku informa li l-bozoz li kien hemm talba għalihom saru. L-unika waħda li ma saritx hija dik ta' Triq San Ġużepp għall-fatt li meta mar il-kuntrattur ma setax jagħmilha għax kien hemm il-karozzi ipparkjati. Dan se jsir fi ftit ġranet oħra.

j. Wieħed mill-*bollards* li hemm fir-*roundabout* ta' Patri Ġużepp Portelli qed jintlaqat u jinkiser ta' sikwit. Għalhekk hu iddeċieda li ma jinbidilx u li jħallih hekk għax kieku ġa nbidel xi darbtejn.

k. Hu tenna li bħalissa qed jingħata żewġ passati *teak oil* lill-*fence* il-kbir li hemm madwar id-*Dog Park*. It-*teak oil* ġie provdut mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. Is-Sindku informa lill-kamra li talab biex il-ħaddiema tal-Gvern jibdlu l-*fence* il-baxx li hemm biswit il-*fence* li jwassal sa fejn l-arblu tal-bandiera. Hu talab biex issir wieħed li jikkumplimenta lil dak li hemm fid-*Dog Park* bl-istess tip ta' injam. Ġie infurmat li dan jista jsir meta fil-*garage* tal-mastrudaxxi jitwaħħal *silo* li ser jiġbor iċ-ċana.

l. Iż-żewġ mirja li kienu imwaħħlin fi Triq in-Nadur intlaqtu u għalhekk is-Sindku mar l-*garage* tal-ħaddieda u għamlulu kanna imdawra biex titwaħħal mal-ħajt.

m. Il-ġimgħa li għaddiet ingħatajna diversi xtieli li jifilħu għat-temp tagħna kif ukoll siġar tal-*Hibiscus* ħalli jitwaħħlu madwar il-Qala. Is-Sindku qal li dawn ġew mgħotija mill *farm* tad-dawwara.

n. Hu qal li ġa bdejna naħdmu fuq il-Folk Festival. Tenna wkoll li hemm bżonn li jiġu diskussi l-ideat li ħarġu.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

o. Ix-xogħol ta' fuq il-*Belvedere* tlesta. It-tapiti nbidlu kollha, l-*play equipment* tqaxxar u nżebbah mill-ġdid u twaħħlu b'*row bolts* ħoxnin tal-*istainless steel* fejn issa qegħdin ferm aktar sodi. Hu tenna li r-*railing* iż-żgħir li hemm f'waħda mill-*outdoor equipment* se jinbidel u issir tal-*istainless steel.* L-aċċident li kien hemm fejn karozza ħabtet ma xi karozzi oħra u għamlet xi ftit ħsarat mal-ħajt. Dan se jitranġa malli jneħħu karozza minnhom.

p. Inġab permess biex naqtgħu l-friegħi ta' żewġ siġar tal-ħarrub li ħerġin fi Triq il-Barbaġann. It-*truck* tal-Gvern ġie u ġabar dak kollu li nqatgħa.

q. Rigward il-problema tad-dawl li hemm ġewwa l-Kunċizzjoni, s-Sindku ġie infurmat li *stabilizer* mhux se jsir u minflok se jsir *transformer* ma żewġ arbli bħala xogħol ta' emerġenza. Fl-opinjoni tiegħu xorta jrid issir *substation* għax b'*substation* biss tisolva l-problema li hemm. Hu qal ukoll li bħalissa qiegħed f'kuntatt mal-enemalta rigward il-fatt li nstab xi post fil-viċinanzi (li huwa tal-Gvern) li jista' jintuża biex issir *substation* fih.

r. Is-Sindku qal li Hondoq issa ingħata l-għola protezzjoni li jista' jingħata post biex ma jiġix żviluppat. Dan għaliex ingħata l-*istatus* ta' *Special Conservation Area.* Dan ikompli mal-proposta riċenti tal-*Planning Authority* li jiġi *Total Afforestation*. Hu tenna li hekk ġie ħafna aħjar minn qabel 2006 għax dak iż-żmien kien 25% għall-bini u 75% *afforestation.* Hu qal li dan huwa pass importanti ferm għax b'hekk Hondoq ikun jista jerġa jiġi f'idejn il-Qalin u igawduh kif gawdew ta' qabilna. Xtaq wkoll jfakkar li l progett propost kien ser jokkupa 26.5%.

s. Is-Sindku qal li l-Ministeru għal Għawdex ħareġ skema biex jiġu rinovati sqaqien u niċeċ u għalhekk tkellem mas-Segretarju Eżekuttiv biex napplikaw għal dawn il-fondi. Hu issuġġerixxa li jsir l-isqaq ta'fejn il-mużew tal-folk u jekk ikun baqa fondi jsir l-isqaq l-ieħor ta' Triq 28 t' April 1688.

t. Ġie mtenni mis-Sindku li madwar il-Qala hemm il-kelma li fil-Kunsill hemm id-dejn. Hu xtaq jagħmilha ċara li r-respomsabilita tal-finanzi tal-Kunsill hija tas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sur Buttiġieġ reġa fakkar li l-Kunsill għadeejn b'*Compliance Audit* u għalhekk jekk is-Segretarja/Segretarju responsabbli m'għamlux xogħolhom kif suppost, fl-ebda ħin m'għandu jieħu t-tort is-Sindku. Hu tenna li kull dokument li tressaq quddiemu biex jiffirma hu iffirma. Issa jekk dawn id-dokumenti ntefgħu f'kexxun l-aġir ħażin li sar hija ta'dik il-persuna mhux tiegħu.

u. Is-Sindku ir-rimarka li biss biss għall-festa ħarġu € 20,000. Hu xtaq jagħmilha ċara li meta kien jipprova jżomm lura milli nagħtu dawn l-ammonti kollha lil għaqdiet, kien hemm min kien imur fejn il-membri ta' l-għaqdiet li jgħidilhom li s-Sindku ma jridx jagħtihom il-flus. Apparti minn hekk is-Sindku qal li għandu provi ukoll fejn juri li minn ġo dan il-Kunsill stess kien hemm min imur għand l-għaqdiet u jgħidilhom biex jitolbu l-flus lis-Sindku u lill-Kunsill.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

v. Hu qal li l-Kunsill beda jaqsam l-boroż tar-*recycling* u ta' l-*organic*. Kien hemm konkorrenza mhux ħażin minn nies tal-Qala fejn fil-fatt il-ġimgħa li għaddiet morna ġibna aktar boroż tal-*organic* mill-*waste serve* biex jitqassmu.

## 85.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

### 85.5.1

**Mill-Viċi Sindku Ivan Ċefai**

a. Staqsa kif ma sarux stations tal-ilma għan-new water ġewwa l-Qala. Is-Sindku nfurmah li staqsa dwarhom. Qatt ma għaddew points minn Tal-Fessej lejn il-Qala.

b. Semma l-iżbir tas-siġar u l-bżonn li dawn jinżabru qabel il-festa u r-risposta li ngħatajna ma hix konvinċenti. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ żid ukoll li dan iż-żbir dejjem saru. Ivan Ċefai ippreżenta ritratti tas-siġar. Is-Seg. Eżekuttiv se terġa tikkomunika mal-ERA dwar dan minħabba n-nar tal-ajru kif ukoll tal-art li jsir fil-Pjazza.

**Mill-Kunsillier Karl Buttiġieġ**

a. Staqsa jekk tnaddafx Wied tal-Marġa. Is-Sindku infurmah li għadu ma sarx minħabba li kien hemm ħaddiema bil-leave. Il-Kunsillier Buttiġieġ qal li reġat għaddiet laqgħa oħra u reġa ma sarx. Jistenna li dan ix-xogħol jitwettaq.
b. Staqsa jekk hux se jsiru kollha l-bankini tal-Pjazza Isqof Buttiġieġ. Is-Sindku wieġeb li saret l-applikazzjoni lill-MGOZ u se jsiru bil-madum normali.
c. Semma li hemm bżonn li jitwaħħlu t-tabelli fir-roundabout PP Gużeppi Portelli. Il-vetturi qed iduru ħażin u dan jista jwassal għal inċident. Is-Seg. Eżekuttiv ħadet nota ta' dan.
d. Semma l-bżonn li jsir patching fi Triq il-Wardija kif ukoll li hemm bżonn li l-fencing ta' Ġnien il-Familja jsir baxx u mhux għoli daqs tad-Dog Park.
e. Sqarr li fl-aħħar laqgħa kien ġie maqbul li toħroġ stqarrija mill-Kunsill dwar il-Fish Farms minħabba li stqarrija kienet ħarġet biss fuq il-fb tas-Sindku. Is-Sindku qal li qed jistenna stqarrija mingħand Dr. Clare Bonello pero' kien għadu ma rċevihix. Il-Kunsilliera V. Cassar Mejlak qalet li fuq tas-Sindku telgħat l-istqarrija u ma kellux għalfejn jistenna. Is-Sindku qal li l-istqarrija li tella fuq il-fb tiegħu kien kitiba hu. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ stqarr li l-istqarrijiet kellhom joħorġu fuq il-paġna tal-Kunsill għaliex il-Kunsill ħallas l-eluf ta' ewro sew għal dan il-każ kif ukoll għal każ ta' Hondoq u sal-ġurnata tal-lum, għada ma ħarġitx stqarrija waħda fuq il-paġna tal-Kunsill. Dan minkejja li kien hemm qbil unanimu sabiex din l-istqarrija fuq il-Fish Farms kif ukoll fuq il-każ ta' Hondoq joħroġu fuq il-paġna tal-Kunsill.
f. Semma li saret konferenza Hondoq u staqsa jekk il-Kunsill kienx mistieden. Is-Sindku wieġeb li oriġinarjament hu biss kien mistieden u fl-aħħar staqsewh jekk



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

kienx se jattendi xi ħadd ieħor. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li hi kienet ġiet infurmata bil-konferenza il-Gimgħa filgħaxija wara l-ħin tal-uffiċċju permess ta' telefonata li segwit b'imejl aktar tard, indirizzata biss lejn is-Sindku. Il-Kunsilliera Karl Buttiġieġ u Valerie Cassar Mejlak qalu li kellu jkun is-Sindku li jinfurma lill-membri tal-Kunsill bħal ma jsir f'Kunsilli normali u mhux saret konferenza, ġew żewġ Ministri u l-Kunsill mank kien infurmat.

**Mill-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak**

a. B'referenza għad-diskors tas-Sindku, fejn semma sqaqin, fakkret li sqaqin kienu proġett tagħha. Qalet lis-Sindku sabiex isemmi l-proġetti li kien wettaq fil-Kunsill għaliex skont hi ma kien lesta l-ebda proġett minkejja li se jkun qed iħalli d-dejn fil-Kunsill. Is-Sindku qallha biex tkompli tgħid u ddaħħak in-nies. Hi żiedet li kienet talbet sabiex almenu l-isqaqin jingħataw isem jew numru li għadhom ma sarux. Kif ukoll li ilha ħames snin tisħaq fuq sqaqin bħal dak ta' fejn il-Mużew tal-folk li jinsab fi stat diżastruż u li minnu jgħaddu ħafna nies.
b. Semmiet it-triq Prinċipali li fiha sar xogħol bla ħsieb ta' bankini u li issa wassal għal konfuzzjoni totali. Qalet li se jipiċċa jsir incident u staqsiet min se jkun responsabbli.
c. Semmiet kif li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill ittieħed vot biex isiru l-bankijiet u kien hemm vot unanimu imma dan għadu ma sarx. Is-Sindku wieġeb li qabel ma jsir ir-railing, il-bankijiet mhux se jsiru. Il-Kunsilliera V. Cassar Mejlak qalet li dawn kollha skużi għaliex ilha snin titlob li jsiru u qatt ma ssemma r-railing, imma issa nstabet din l-iskuża. Il-Kunsilliera talbitu jippreżenta d-disinn tar-railing u s-Sindku wieġeb sabiex jistaqsu lill-Perit. Il-Kunsilliera staqsiet lis-Seg. Eżekuttiv jekk il-Kunsilliera għandhomx dritt jaraw id-disinn tar-railing u t-tweġiba tas-Seg. Eżekuttiv kienet fl-affermattiv. Is-Sindku baqa jirreferi għal Perit li se jkun qed japplika għal permess. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ żid li għall-bankini ma kienx hemm bżonn DNO u għal railing trid issir applikazzjoni. Il-Kunsilliera V Mejlak insistiet li l-bankijiet iridu jitwaħħlu.
d. Ssemmiet ukoll kif fl-aħħar laqgħa s-Sindku insista li lill-Kunsill ma jridx jgħidilhom l-post identifikat għal substation u li hemm kollox lest. Fl-istess laqgħa meta Ivan semma t-transformer s-Sindku qal li trid issir substation u issa qedt tgħid li substation mhux se jsir. Is-Sindku semma li mhux vera li mhux se jsir imma se jsir aktar tard.
e. Staqsiet jekk il-librerija li ilna ħames snin nistennew hux se tinfetaħ lejliet l-elezzjoni.
f. Semmiet il-bżonn li jsiru t-traffic limit Signs fi triq 28 ta' April minħabba li l-vetturi qed jgħaddu bi speed eċċessiv. Is-Sindku wieġeb li se jsiru. Il-Kunsillier K. Buttiġieġ staqsa lis-Sindku x'se jgħid lin-nies meta jaraw li t-tieni kisja ta' din it-triq se ssir u ta' Triq Papa Piju li ilhom jistennew erbgħa jew ħames snin. Żid jgħid



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

li lin-nies ta' Triq Papa Piju u Triq il-Wardija qed inqisuhom second class citizens. Is-Sindku wieġeb li dak kien xogħol minn Kuntrattur ieħor però se jkellem lill-Ministeru. Żid jgħid li fi Triq il-Wardija għadhom jridu jgħaddu servizzi ġodda.

g. Reġat semmiet il-blokok tal-Kunċizzjoni u jekk is-sidien tal-għelieqi għandhomx dritt għal kumpens talli tpoġġew il-blokok fl-għelieqi tagħhom. Il-Kunsillier K. Buttiġieġ żid is-sitwazzjoni gravi li tinsab fiha Triq taċ-Ċawl. Kompla jgħid li jekk hemm periklu jrid jitneħħa. Is-Seg. Eżekuttiv fakkret lill-membri li kitbet lil Ministru kemm il-darba u reġgħat kitbitlu dak il-ħin stess.

## 85.6 Update dwar Zebra Crossing fi Mġarr Road

85.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv tat update dwar dan. Infurmat lill-kamra illi peress li jidher li nġibed l-attenzjoni tagħna dwar il-fatt li s-solar belishia lights mhux se jkunu effettivi minħabba li ma jintlaħqux ħafna mix-xemx. Għalhekk is-sejħa għall-offerti ġiet kanċellata u intalbu l-kwotazzjonijiet għall-istess dwal li jaħdmu bid-dawl. Sar ukoll xogħol ta' trinka min-naħa għal oħra, li fija saru l-pipijiet għas-servizz tad-dawl mill-istess kuntrattur li kien qed iwettaq ix-xogħol tal-bankina.

Sew is-S.E flimkien mas-Sindku tajna l-istruzzjoni lill-Perit sabiex iz-Zebra crossing issir skont il-pjanta approvata ta' TM u l-Perit tal-Kunsill kien għamel il-marki mal-art li fuqhom mexa l-kuntrattur. Wara li tlesta x-xogħol, sid il-propjeta tal-faċċata tal-Kunsill oġġezzjona għaż-żebra crossing li ssir quddiem il-propjeta tiegħu minħabba li ma jridx l-arblu jeħel quddiem l-istess propjetà, imma jrid li dan l-arblu jsir fil-qasma tal-propjetajiet. Saret on site visit mill-Perita ta' TM flimkien mas-Sindku u jidher li r-rampi li kienu għadhom kif tlestew ma sarux eżatt skont il-Pjanta li kienet approvata minn TM. Is-Sindku spjega illi kienet iċċaqalqet ftit biex jiġi evitat li titgħatta tappiera tad-dranaġġ, li tagħti aċċess għall-mini tad-drenaġġ li huma fondi xi 30 pied. Dawn sikwit jinfetħu minn wsc meta jkun hemm xi sadd pero' l-Perita ta' TM stqarret li din seta jsirilha tappiera elevata il-fuq. TM se jkunu qed jikkomunikaw mal-Kunsill dwar jekk ir-rampi taz-zebra crossing jistgħux jibqgħu fejn huma jew le, jiġifieri jekk iż-Żebra Crossing tistax tiċċaqlaq. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li din biex nerġgħu nċaqalqu kollox se nkunu għamilna spiża għalxejn għaliex se jkollu jitkisser u jerġa jsir xogħol ġdid.

Il-membri unanimament qablu li d-deċizzjoni tal-post eżatt fejn għandha ssir iż-Żebra Crossing mhux kompitu tal-Kunsill imma ta' TM. Il-Kunsill qabel li ssir Zebra Crossing, talab permess lil TM u l-istess awtorità ħarġet il-permess. Allura kien hemm qbil assolut li Zebra Crossing għandha ssir fil-post kif indikat u approvat minn Transport Malta. Kien hemm qbil li jekk hemm bżonn jerġa jsir ix-xogħol basta jsir skont l-approvazzjoni ta' TM.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 85.7 Reviżjoni tal-Pjan Finanzjarju għas-sena 2024 u Rapport tal-aħħar kwart tas-Sena 2023

85.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat r-rapport tal-aħħar kwart tas-sena 2023 li ġie unanimament approvat.

Fakkret li l-Pjan Finanzjarju 2024 li kien ġie ppreżentat fil-bidu tas-sena ma kienx wieħed realistiku minħabba l-fatt li kienu għadhom ma ngħalqux l-kotba finanzjarji tas-sena 2023 u għalhekk ma kellniex stampa ċara tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Għalhekk ġie diskuss u spjegat fid-dettal il-Pjan għas-sena 2024. Ġew diskussi l-proġetti Kapitali sew dawk li diġà huma mibdija kif ukoll proġetti ġodda li l-Kunsill qabel dwarhom. Ssemmiet ukoll l-fondi tal-PA li huma dawk ta' madwar €11,000 vvotati għal proġett li ilhom committed lil Kunsill mit-2019. Dawn kienu a bażi ta' BOQ li kien ħareġ fl-2019 għal ammont ta' €22K però l-proġett illhom huwa proġettat li jkun jiswa €260K. Is-Seg. Eżekuttiv spjegat li l-PA ma jistgħux jibqgħu iġeddu però dawn mhux affarijiet tal-għaġla u fis-sitwazzjoni preżenti tal-Kunsill, żgur li ma jistax jidħol għal din l-ispiża jekk ma jkollox konfermi tal-fondi mill-DPF Funds. Spjegat ukoll illi jekk il-Ministeru Għal Għawdex jidħol għal parti mill-proġett u napplikaw mal-PA għad-DPF Funds bħala joint Project, nkunu nistgħu nikkwalifikaw għal ammont kollu tal-proġett. Pero' issuġġeriet illi jekk il-PA ma jistgħux jistennew, il-Kunsill jirrifondi lura l-ammont ta' madwar 11K lil PA. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Kien hemm qbil unanimu wkoll li nimxu bil-proġetti kapitali mibdija kollha u nimxu bil-proġetti ġodda bħal ma huma r-renovazzjoni tal-Public Convenience, renovazzjoni tar-roundabout, spejjeż relatati mal-applikazzjonijiet għal proġetti taħt skemi mid-DLG bħal ma huma Ġnien il-Familja. Kien hemm qbil ukoll li jsiru proġetti ġodda li jistgħu jiftħu jekk napplikaw għal fondi.

Ġie spjegat ukoll l-ispejjeż relatati mal-ispejjeż kurrenti u spejjeż relatati mal-attivitajiet kulturali li jsiru matul is-sena. Is-Seg. Eżekuttiv spjegat illi dan huwa pjan finanzjarju li għandna nippruvaw nimxu miegħu a' bażi tal-proġetti approvati mill-Kunsill u ta' dak li l-Kunsill jixtieq li jirnexxilu jwettaq għal ġid tal-Lokalita'. Kien hemm qbil unanimu sabiex nimxu ma' dan il-pjan, però minħabba li issa riesqa lejn tmiema din il-leġislatura, kien hemm qbil ukoll li deċiżjonijiet oħra jitħallew f'idejn kunsill ġdid biex jiddeċiedi.

## 85.8 Skemi – SPI/SCI/02/2024, 06/24. Rizoluzzjoni numru 04/24 u 05/24.

85.8.1 Kien hemm qbil unanimu sabiex napplikaw għal skemi numru 02 u 06. Dan sabiex isir renovazzjoni ta' Gnien il-Familja u jerġa jingħata l-ħajja. Dan billi jinbidlu t-tapiti, jsir xogħol meħtieġ biex terġa tiffunzjona l-fontana li hemm fl-istess ġnien kif ukoll isir



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

landscaping. Kien hemm qbil unanimu sabiex jsir dan ix-xogħol kollu u għalhekk ġiet iffirmata r-rizoluzzjoni numru 4/24 mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

85.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat l-iskema 06/24, fejn il-Kunsill jista japplika għal ħaddiema taħt is-CIES. Dawn jkunu impjegati tal-Kunsill, b'perjodu ta' xogħol għal żmien ta' sena li jista jibqa jiġġedded sa erbgħa snin. Wara erba' snin, dawn isiru impjegati fuq kuntratt permanenti mal-Kunsill. Permess ta' din l-iskema d-dipartiment se jkun qed jirrifondi s-salarju tal-ħaddiema lill-Kunsill, filwaqt li l-Kunsill irid iħallas għall-bolla tal-impjegati. Is-Seg. Eżekuttiv spjegat ukoll li f'każ li l-iskema tiġi mwaqqfa, is-salarju tal-impjegati jkun irid joħroġ mil-budget tal-Kunsill, pero' din l-iskema ilha għaddejja.

Kien hemm qbil unanimu li napplikaw għal ħames ħaddiema fuq bażi part-time. Tlieta biex jagħmlu xogħol manwali u tnejn biex jagħmlu xogħol fl-uffiċċju u l-librerija. Għalhekk ġiet iffirmata r-riżoluzzjoni numru 05/24 mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 85.9 Ħruġ u għoti ta' offerti

85.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li għalqet s-sejħa għal-CCTV u rċivejna ħames offerti. Bħalissa qegħda tiġi evalwata mill-bord tal-evalwazzjoni. Ġie diskuss id-diffikultajiet sabiex jersqu s-servizzi tad-dawl u tal-internet fil-points kollha. Saret komunikazzjoni mad-DLG hu ma huwiex daqshekk faċli li jsiru arrangamenti ma' postijiet residenzjali sabiex ningħataw id-dawl. Ġie ippreżentat l-opening report.

85.9.2 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li għaddej l-evalwazzjoni tal-offerti għar-renovazzjoni tal-Public Convenience. Ġie ippreżentat l-opening report.

85.9.3 Għalqet l-offerta għal Kiri ta' garaxx però ma kien hemm l-ebda offerta. Kien hemm qbil li terġa toħroġ u jekk jerġa ma jkunx hemm offerti nitolbu permess mid-DLG għal direct order approval.

85.9.4 Għalqet l-offerta għas-servizz tal-Perit. Kien hemm erba' offerti u dan qiegħed jiġi evalwat. Ġie ippreżentat l-opening report. Kien hemm qbil li l-bord tal-evalwazzjoni għandu jkun kompost minn Dr. Jonathon Mintoff, Inġinier Simon Mizzi, Inginier Mario Cauchi u William Sultana.(Chairperson). Is-Seg. Eżekuttiv, spjegat illi se tkun qed iżżomm laqgħa mal-Perit Godwin Sultana sabiex jiġu diskussi l-proġetti li għandna għaddejjin u l-istadju tagħhom.

85.9.5 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li għadna nistennew risposta mill PCRB dwar l-appell għas-servizz tal-Bulky.

## 85.10 Qari tal-Korrispondenza

85.10.1 Irċivejna ittra mingħand Dr. Mario Calleja rigward il-bilanċi dovuti lil TC Cleaning. Is-Seg. Eżekuttiv fakkret fil-vot li kien ittieħed fl-aħħar laqgħa



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

preċedenti u li billi 3 astjenew u 2 kienu favur, l-ħlas ta' dawn il-pagamenti ġie approvat. Allura se jkunu qed jitħallsu wara din il-laqgħa, fejn qed tiġi ppreżentata skeda numru 02-2024. Kien hemm qbil dwar dan.

85.10.2 Insurance Claim – Email mingħand Mikayla Mizzi fejn sar xi ħsara fuq il-*windscreen* tal-karozza tagħha waqt li kienet qed titranġa bozza. Tal-Insurance qalulna li ma kienx jaqblilna li ndaħħlu l-*Insurance* fin-nofs għax l-ispiża biex titranġa hi ta' € 600.00. Kien hemm qbil li l-Kunsill iħallas l-ispiza għal din il-ħsara.

85.10.3 Emejl mingħand TCTC fejn qed iniedi il-proġett – Innovazzjoni Diġitali għat-Tfal. Minħabba l-limitazzjonijiet finanzjarji tal-Kunsill, kien hemm qbil li għal din is-sena ma jsirx.

85.10.4 Ittra minn Transport Malta fejn turi li qed issir talba għal-Parkeġġ Personalizzat fi Triq Federico Barocci. Ġie deċiż li niċċekjaw jekk din ir-residenza għandix garaxx u nħallu f'idejn TM biex tiddeċiedi.

85.10.5 Ilment dwar is-sitwazzjoni tal- *Playing Flied* – Ġnien il-Familja. Il-Kunsill se jkun qed japplika għal fondi biex fost oħrajn jinbidlu t-tapiti.

85.10.6 Irċivejna emejl mingħand il-jobs plus fejn qed jgħidu li hemm il-possibilita' li jsir *First Aid Course* bil-kollaborazzjoni ta' Jobs plus. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

85.10.7 Ġibna Kwotazzjonijiet għal-mejda u siġġu għal-Assistant Principal. Fejn jidher li l-aktar wieħed ekonomiku u dak ta' Index Furniture. Kien hemm qbil unanimu li jsir dan l-akkwist.

85.10.8 Is-Sinjura Frances Ellul qed tagħmel talba biex issir spazju fi Triq it-Telgħa faċċata ta' l-appartament tagħha biex tkun tista' idaħħal u toħroġ il-karozza. Kien hemm qbil li ssir it-talba ma TM.

85.10.9 Donazzjoni ta' € 1000 mingħand tal-films. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-Kunsill ma jistax jaċċetta donazzjonijiet. Għalhekk, fuq proposta tal-Kunsillier Karl Buttiġieġ, ġie maqbul li nissuġġerixxu lil din il-kumpanija sabiex jekk jixtiequ din id-donazzjoni tingħata lil KFGM.

85.10.10 Emejl dwar l-applikazzjoni ta' *ICT Student.* Għal din is-sena, kien hemm qbil Sabiex ma napplikawx.

85.10,11 Fil-5 ta' Marzu nżammet laqgħa mal-Public Contracts Review Board dwar l-appell – *Tender for the collection of Bulky Refuse* – QLLC/08/2023

85.10.12 Tlabna għal 5 Kwotazzjonijiet għal Merħba Sign. Wieħed qal li ma jissupplixxix, ieħor tagħna kwotazzjoni u l-oħrajn ma wieġbux. Kien hemm qbil li nimxu mal-irħas kwotazzjoni.

85.10.13 Aġġornament dwar l-QIFF. Ikuntattjawna Grupp minn Slovakkja fejn urew l-interess tagħhom biex jipparteċipaw u anke Elizabeth Watson li tista toffri gruppi Maltin bi żfin Spanjol u anka ta' pajjiżi oħrajn. Apparti minn hekk saret komunikazzjoni ma' Noel Castillo ta' Leon Promotions li jorganizza l-folk festival li jsir f'Malta. Ġie diskuss il-possibilita' li mmexxu l-QIFF għal 21-23 September u jiġu l-gruppi barranin kollha li jkunu Malta anka l-Qala. Il-Kunsill iddeċieda li nżommu l-14-16ta' Settembru u nġibu gruppi barranin direttament aħna. Kien hemm qbil li ninvolvu gruppi barranini residenti f'Malta kif ukoll gruppi bi żfin Spanjol. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-fondi lill-MGOZ għaliex dan jiddetermina jekk nistgħux nistiednu grupp 1 jew 2 minn barra.

85.10.14 Il-korsijiet tal-Mosaic u tal-Cake Decorating se jerġa jiftaħ fit-tieni ġimgħa ta' Mejju. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

85.10.15 Ġiet ippreżentata lista tal-Obsolete Items li kienet tinkludi żewġ bankijiet tal-injam mkissrin kif ukoll unit tal-injam antika u li fija 3 xkaffi. Kien hemm qbil dwar dan u għalhekk ġiet iffirmata l-lista mis-Sindku u mis-Seg. Eżekuttiv.

85.10.16 Aġġornament dwar il-*Housing Development Fund*. Ġejna nfurmati li lesti li jkopru 0.5 to 1.0% tal-proġett. Il-Kunsill qabel li żgur li ha huwiex f'pożizzjoni li jkopri l-kumplament tal-ispejjeż relatati mal-proġett li huwa stmat li jiswa 1.2miljun.

85.10.17 Illum saret laqgħa rigward l-i*School Grannies*. Se tkun qed toħroġ sejħa għal interess sabiex jibdew minn din is-sena stess. Kien hemm qbil dwar dan.

85.10.18 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri dwar il-fatt li minkejja li kienu laħqu nxtraw il-biljetti tal-ajru, la s-Sindku u lanqas il-Viċi Sindku ma attendew għal 10 Summit tar-Reġjuni u l-Bliet li sar ġewwa Brussell. Is-Sindku spjega li ma setax isib akkomodazzjoni u l-Viċi Sindku stqarr li ma setax jattendi minħabba raġunijiet personali. Is-Seg. Eżekuttiv indikat illi din l-ispiża ma hix koperta bl-assigurazzjoni u wieħed irid jara l-ġustifikazzjoni tagħhom. Kien hemm qbil unanimu sabiex l-ispiża nvoluta għal ħlas tal-biljetti tal-ajru u l-assigurazzjoni ma jiġux irrifonduti lura lill-Kunsill, la mis-Sindku u lanqas mill-Viċi Sindku. Kien hemm qbil ukoll



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

sabiex il-Kunsill ikopri l-ħlas għal bagalja addizzjonali għal Kunsilliera Cassar Mejlak li attendiet għal istess Summit ġewwa Brussell.

### 85.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

85.11.1 Ġew ippreżentati l-iskeda ta' ħlasijiet bin-numru 04/2024 għal perjodu ta' bejn il-23ta' Frar 2024 u t-25ta' Marzu 2024 li tammonta għal €50,391.64. Il-Kunsill approva unanimament Skeda numru 04/2024.

Ġew ippreżentati wkoll l-iskeda ta' ħlasijiet bin-numru 02/2024 li tammonta għal €19,572.53 li jkopru l-ħlasijiet dovuti lil TC Cleaning u Sultech & Co.

Ġiet ippreżentata u unanimament approvata kopja tal-ispjejjeż relatati ma Petty Cash li saru matul ix-xhur ta' Frar 2024 sad-data tal-lum.

## 85.12 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss.

85.12.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fis-19.45pm u l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ġiet skedata għal nhar il-Hamis, 6 ta' Mejju fl-16.30p.m.

Paul Buttigieg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt